MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2008

Avviz Numru. 104/2008

**Bank of Valletta p.l.c. (C-2833)**

**vs**

**Giovanni Bonetta**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' rikorrenti ghall-kundanna ta' l-intimat ghall-hlas tas-somma ta' ghaxart elef, erba' mija u tminn Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€10,408.41) – ekwivalenti ghal erbat elef, erba' mija u tmienja u sittin Liri Maltin u tlieta u tletin centezmu (LM4,468.33,0) bilanc ghad-debitu fil-*"Loan Accounts"* ta' Giovanni Bonetta mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1 sa A2" u Dok "B1 sa B2") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-14 ta' Frar tas-sena 2008 sal-jum tal-pagament effettiv, liema *"Loan Accounts"* gew**

**moghtija lill-konvenut permezz ta' zewg skritturi privati datati 18 ta' Lulju tas-sena 2002 (Dok "C") u 22 ta' Jannar tas-sena 2003 (Dok "D");**

**U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati hawn fuq indikati u cioe` Dok. "C" u Dok. "D", partikolarment, imma mhux esklussivament , billi l-konvenut Giovanni Bonetta:**

**(a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi privati;**

**u**

**(b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi privati sopraindikati;**

**u/jew**

**(c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici u b'hekk il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datat 27 ta' Settembru tas-sena 2007 (Dok."E") u tal-mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut li hu ngunt sbaiex jidher ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' rikorrenti sabiex l-intimat iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment l-intimat naqas u ma deherx, la fit-22 t'Ottubru tas-sena 2008 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti u tikkundanna lill-intimat Giovanni Bonetta jhallas lil Bank of Valletta p.l.c. (C-2833) is-somma ta' ghaxart elef, erba' mija u tminn Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€10,408.41);**

**Bl-ispejjez kontra l-intimat Giovanni Bonetta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------